# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law). MAGISTRAT

343/01

Illum 3 ta' Awissu 2001.
Il-Pulizija,
(Spettur Simon Galea)
vs
Josephine Dora.

Il-Qorti:

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migjuba kontra l-imputata:

Josephine Dora ta' 44 sena, mart bint Paul u Maria nee Sultana,, mwielda l-Gzira fit-12 ta' Marzu 1953, residenti Flat 7 Block 6, Qasam tad-Djar San Gorg, Pembroke, detentura tal-karta ta' l-identita` numru 212253(M):

Akkuzata talli:

Fis-6 ta' Marzu 2001 mir-residenza 'Thank God', numru 253, sitwata fi Triq il-Karmelu, Birkirkara, ikkommettiet serq ta' statwa tal-porcellana, aggravat bil-persuna u bil-lok, ghad-dannu ta' Alfio Borg detentur tal-karta ta' l-identita` 368565(M) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(d) (e), 268(d) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-imputata tirregistra ammissjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputata, rat l-Artikolu 261(d)(e), 281(a)(b) tal-Kap 9 u wara li rat l-fedina penali tal-imputata u hadet in konsiderazzjoni l-import tar-refurtiva u l-fatt li giet ritornata, tiddecidi li tilliberha bl-appliakazzjoni ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perijodu ta’ tliet snin mill-lum.

A. M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment ir-registrazzjoni tat-tape.

Albert Calleja,
Deputat Registratur.